MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 882/2003/1

**Lawrence Borg f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta` Marsascala Holiday Complex Company Limited**

**v.**

**John u Martha Scerri u b'digriet tat-8 ta' Jannar 2007, il-Qorti ordnat li l-atti jigu trasfuzi minn isem John Scerri li miet fil-mori tal-kawza, ghall-isem Martha Scerri u Sandra Gravino**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fid-29 ta' Awwissu 2003 u li taqra hekk:

"Illi favur l-attur Lawrence Borg *proprio et nomine* jezisti kreditu dovut mill-konvenuti John u Martha Scerri u liema debitu hu cert likwidu u skadut, u kontra din it-talba ghall-hlas tal-istess kreditu ma tezisti l-ebda eccezzjoni la legali u l-anqas fuq il-fatt.

"Illi dan il-kreditu jammonta ghal ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000).
"Illi ghal dan il-kreditu hija applikabbli c-citazzjoni sommarja, bid-dispensa mis-smigh u dan skont l-**artikolu 167 tal-Kap 12**.

"Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

"1. Tikkundanna lill-istess konvenuti John u Martha Scerri ghall-hlas tas-somma ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000), u dan bid-dispensa tas-smigh skont kif provdut fl-**artikolu 167 tal-Kap 12.**

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti John u Martha Scerri ghas-subizzjoni."

Rat li l-konvenuti b'digriet tal-5 ta' Novembru 2003 inghataw il-fakolta` jikkontestaw it-talba attrici bil-presentata ta' nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"(1) Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u l-eccipjenti ma humiex debituri la tal-atturi u lanqas tas-socjeta` attrici.

"(2) Illi l-eccipjenti huma fil-fatt kredituri tal-atturi u ghalhekk l-eccipjenti qeghdin jipprocedu rikonvenzjonalment kontrih.

"B' riserva ta' eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez."

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti li taqra hekk:

“Illi Lawrence Borg obbliga ruhu li jhallas lil John Scerri imghax ta’ 8% fuq is-somma ta’ 130,000 lira sterlina (ekwivalenti ghal Lm80,000) ghaz-zmien tal-garanzija li John Scerri ghamel ghad-debitu tal-Kumpanija ta’ Lawrence Borg, is-South Rays Holidays Limited, liema garanzija kienet tikkonsisti f’ipoteka fuq proprjeta` immobbli ta’ John Scerri f’Londra permess illi ghaz-zmien kollu li damet il-garanzija l-ammont pattwit dovut minn Lawrence Borg huwa ta’ Lm35.092 li minnhom thallas biss l-ammont ta’ Lm20,000 f’diversi pagamenti.

“Illi biex jillibera l-proprjeta` tieghu f’Londra John Scerri kellu jhallas *di proprio* s-somma ta’ Lm5,006 u kellu jaghmel spejjez ta’ zewg viziti f’Londra, liema spejjez kienu jammontaw ghal Lm965.96 u Lm559.86.

“Illi Lawrence Borg ghandu jaghti lil John Scerri s-somma ta’ Lm250 ghall-kiri ta’ kmamar f’Kinder Apartments.

“Illi li l-ammont globali kif fuq “*itemized*” huwa ta’ Lm21,873.82 u huwa dovut minn Lawrence Borg lil John Scerri.

“Illi ghalhekk jghid Lawrence Borg ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex wara li tiddkjara li Lawrence Borg huwa debitur ta’ John Scerri ghall-ammonti specifikati fil-kontro-talba, u tikkundanna lil Lawrence Borg ihallas lil John Scerri l-ammonti globali hekk kanonizzat, fl-imghax sal-gurnata tal-pagamenti effettiv, u bl-ispejjez.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“(1) Illi t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba minnu proposta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi mhumiex minnu illi l-attur huwa debitur fil-konfront tal-konvenut, izda huwa l-konvenut li huwa debitur fil-konfront tieghu.

“(2) Illi ghalhekk mhuwiex minnu illi l-attur obbliga ruhu kif indikat fil-kontro-talba fil-konfront tal-konvenut li jhallas xi imghaxijiet kif indikat, u l-ammont ta’ Lm20,000 li thallas lill-konvenut kien jirraprezenta self u mhux hlas ta’ imghaxijiet u dan kif ser jigi ppruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

“(3) Illi lanqas l-ammonti l-ohra ndikati mill-konvenut fil-kontro-talba tieghu ma huma dovuti u dan *stante* illi l-attur dejjem hallas hu ghal vjaggi illi ghamel il-konvenut gewwa Londra u *inoltre* ma ghandu jaghti l-ebda flus in konnessjoni ma’ kirjiet fil-Kinder Apartments.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

“... ... fir-rigward tac-citazzjoni attrici, tilqa’ biss l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u **tichad it-talba attrici** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

“Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici a karigu tal-atturi.

“Illi ghall-istess motivi, fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenuti, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa’ in parte l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attur rikonvenzjonat fis-sens li l-kontro-talba tal-konvenuti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, **tichad it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“Bl-ispejjez tal-kontro-talba a karigu tal-konvenuti.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din hija kawza fejn l-attur *proprio et nomine* qed isostni li ghandu kreditu fl-ammont ta’ Lm20,000 kontra l-konvenuti u dan kif jirrizulta mic-citazzjoni attrici; minn naha l-ohra l-konvenuti qed jghidu li l-atturi huma debituri

taghhom ghar-ragunijiet indikati fil-kontro-talba taghhom u spjegat fid-Dok. “JS/1 a fol. 21 tal-process.

“Illi l-versjoni attrici  (affidavit a fol 39) li huwa kellu bzonn igib licenzja mill-ATOL, liema licenzja tinhareg mill-Ingilterra sabiex ikun jista’ jgib turisti hawn Malta, u sabiex tinhareg din il-licenzja, l-ATOL tezigi  garanzja fi flus jew kapital ghall-hlas tal-istess. Jghid li l-konvenut offra li jipprovdilu din garanzija pemezz ta’ ipoteka tal-proprjeta’ li huwa kellu l-Ingilterra, u kull ma talab il-konvenut kien li l-attur ihaddem it-tifla tieghu fil-lukanda tieghu, kif ukoll li jipprovdilu t-turisti sabiex jikri l-appartamenti li l-konvenut kellu u jiehu hsieb il-*laundry* u l-hasil tal-appartamenti minghajr hlas.

“Illi l-attur isostni li fil-fatt hekk gara u minbarra dan hallas lill- konvenut l-amont ta’ Lm1,500 kif ukoll hames biljetti tal-ajru li jiswew Lm600 ghall-familjari tieghu b’xejn. Jallega wkoll li l-konvenut ried jixtri plot fi Triq id-Dolmen Marsakala, izda ma kellux il-fondi kollha necessarji u allura l-attur kien offra li jsellfu l-flus biex jaghmel dan, ghaliex inkella l-konvenut kien ikun kostrett li jbiegh il-proprjeta’ tieghu gewwa l-Ingilterra u din kienet ser tiehu z-zmien ghaliex l-istess proprjeta’ kienet gja ipotekata.

“Illi b’kollox jghid l-attur jghid li silef lill-konvenut is-somma ta’ Lm20,000 bla imghax u b’dan li skond huwa l-konvenut obbliga ruhu li jirrifondi l-istess ammont meta huwa jbiegh l-istess immobbli li kellu l-Ingilterra, wara li l-istess tigi rilaxxata bhala garanzija. Jghid li tali proprjeta’ giet rilaxxata f’Mejju 2003, izda l-konvenut ma ddisponiex minnha. Jidher li huwa talab il-hlas tal-ammont li jghid li silef il-konvenut, u wara xi tentattiv sabiex jinstab soluzzjoni permezz tal-medjazzjoni ta’ Dr Joseph Brincat, il-konvenut irrifjuta li jhallas.

“Illi l-attur jittenta jipprova jikkorobora l-allegazjoni tieghu bil-produzzjoni ta’ Frederick Cauchi li kien izomm il-kotba tal-kumpaniji tal-attur Lawrence Borg, Marsascala Holiday Complex Limited u l-kumpanija estera South Rays Holidays Ltd, li effettivament kienet irrikjediet il-hrug tal-garanzija ndikata. Izda dan jghid li huwa ma kienx involut

fl-istorja mill-bidu u dahal biss meta giet imgedda din il-garanzija mill-konvenut u jghid ukoll li lanqas ma kien prezenti meta allegatament l-attur silef u allura ghadda l-ammont ta’ Lm20, 000 lill-konvenut. Jghid li jaf l-istorja mill-klijent tieghu, Joseph Borg, li qallu li kellu jhallsu lura meta jbiegh il-proprjeta tieghu l-Ingilterra. Jidher li dan ix-xhud fehem li fl-ahhar mill-ahhar il-flus l-attur kien ser jghaddihom lil Robert Arrigo & Sons Limited li kellu jiehu xi ammont simili minghand l-attur, minhabba dak l-istess xhud sejjah bhala *“problema finanzjarja”* li l-attur kellu f’Settembru jew Ottubru 2002. Fil-fatt jghid li l-konvenut kien mitlub jikteb ittra fis-sens li l-ammont ta’ Lm20,000 li kien ser ihallas lill-konvenut meta tinbiegh id-dar kienu ser jghaddu ghand id-ditta ta’ Robert Arrigo & Sons ghalkemm l-istess xhud jghid li huwa qatt ma ra din l-ittra.

“Illi minn naha l-ohra l-konvenut isostni li l-attur kellu bzonn garanzija bi proprjeta` gewwa l-Ingilterra sabiex l-ATOL tohrog licenzja lill-attur (jew ahjar lis-socjeta’ li fiha kien azzjonista South Rays Holidays Ltd) sabiex din tkun tista’ tibghat it-turisti hawn Malta u l-konvenut jghid li kien l-attur li talbu li allura jipoteka l-proprjeta’ tieghu l-Ingilterra u dan kellu jkun ghall-perjodu ta’ 6 xhur biss. Dwar bintu sostna li l-verita’ kienet li l-attur kellu bzonn lil bintu sabiex tmexxi l-ufficju tieghu l-Ingilterra, u biex taghmel dan kellha taghmel ezamijiet l-Ingilterra, u allura jidher ghalhekk l-attur kien hallas sabiex hija tmur l-Ingilterra bil-familja taghha, kif kellu jmur huwa sabiex jipprova jehles il-proprjeta’ li kienet ipotekata sabiex taqdi lis-socjeta’ tal-attur indikata, izda kien kollu ghalxejn ghaliex sabiex jehles tali proprjeta’ kien jiddependi kollox fuq l-attur.

“Illi dwar dak li sostna l-attur li kien hemm xi ftehim sabiex l-attur jipprovdilu t-turisti sabiex joqghodu fl-appartamenti tieghu hawn Malta, jghid li l-attur kien jinqeda bil-propjeta` tieghu u ta' ohrajn biex ipoggi n-nies, meta ma kienx jifdal post ghalihom fil-proprjeta tieghu u minkejja dan l-attur qatt ma ried jaghmel kuntratt bil-miktub mieghu u rati kienu l-ewwel Lm3.50 kuljum u wara Lm0.75c biss.

“Illi l-istess konvenut jichad ukoll li l-attur kien sellfu Lm20, 000, u jghid li Lawrence Borg kien hallsu l-ammont ta’

Lm17,396 minn somma akbar li kellu jiehu fl-ammont ta' Lm21,873.82 (Dok. "JS 1") li kienu jikkonsistu f'imghax fuq il-garanzija li huwa hareg favur l-attur ghall-perjodu ta' kemm damet veljanti l-istess garanzija mill-perjodu ta' 16 ta` Gunju 1998 sas-16 ta' Settembru 2003 (fol. 22); bilanc ta' spejjez li ghamel sabiex hallas sabiex mar l-Ingilterra sabiex jirrillaxxa l-istess proprjeta' (fol. 23 u 24); spejjez ghall-*bank transfer* sabiex tigi rilaxxata l-istess garanzija fl-ammont ta' 8, 271 stg (Lm5,006) (fol. 24); u bilanc indikat bhala dovut minn South Rays ghall-kiri ta' kmamar fl-ammont ta' Lm250 (fol. 24).

"Illi ghalhekk il-konvenut qed jghid li dak li qed jipprova jaghmel l-attur huwa li jiehu l-flus li hallsu lura, fuq il-pretiza ta' self, self li qatt ma ezista u jallega wkoll li l-attur kien ghamel xi arrangament mas-sur Robert Arrigo dwar garr ta' turisti ghax il-kumpanija ta' l-attur waqfet topera. L-attur kien intrabat li jhallas lill-kumpanija ta' Robert Arrigo "*xi Lm18,000 jew Lm20,000"* u ppretenda li l-konvenut ihallaslu dan id-dejn ma' Robert Arrigo u sahanistra rrikattah illi jekk dan ma jghamlux il-konvenut kien ser jitlef il-proprjeta' tieghu f'Londra. Jghid li Frederick Cauchi kien cempel lill-konvenut u qallu li l-attur talbu jghidlu sabiex hu jikteb ittra lil Robert Arrigo u kien ghalhekk kontra qalbu inkitbet l-ittra esebita bhala Dok. "C" a fol. 90 tal-process fejn allura gie ndikat li s-socjeta' Arrigo Malta Holidays Limited kienet ser tithallas mal-bejgh tal-proprjeta' l-Ingilterra s-somma ta' Lm20,00 allegata dovuta lilha sabiex tigi likwidata s-socjeta' estera South Rays Holidays Limited.

"Illi jghid fil-bidu ta' Awissu 2003, il-partijiet kellhom laqgha quddiem Dr.Joseph Brincat. L-attur irrifjuta li jhallas is-somma ta' £8,271 (Lm5,006) li l-konvenut jghid li kien ghad ghandu jhallas biex sar ir-rilaxx tal-proprjeta' tieghu moghtija in garanzija, u hlas iehor li kien dovut Dr. Pulsford, izda l-attur irrifjuta ghaliex qal li r-rilaxx tal-proprjeta' imobbli kien gja sar.

"Illi din hija verzjoni tal-partijiet rispettivi f'din il-kawza u jidher car mill-provi imressaq li hemm konflitt bejn il-verzjonijiet tal-kontendenti. In tema legali jigi osservat li

huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi lil min ikun qed jiddefendi l-kawza u dan a bazi ghal principju li *"onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat"*.

"Illi jsegwi li huwa l-attur li jrid jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati fic-citazzjoni u l-konvenut irid jipprova dak allegat minnu fil-kontro-talba. Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili. (**"Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo u Gaetana Rizzo"** - P.A. (NC) - 28 ta' April, 2004).

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"** minn din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1966, inghad illi:-

*""l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A. (TM) - 30 ta' Ottubru, 2003) inghad illi:

*""Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-*

*probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

"Illi minbarra dan fis-sentanza gja citata fl-ismijiet **"Farrugia vs Farrugia"** inghad illi:-

*""mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

"Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet **"Emmanuel Aquilina vs Lorraine Farrugia"** (P.A. - 28 ta' Gunju, 2001) inghad illi:-

*""fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna illi l-verosomiljanza hija forma ta' korroborazzjoni".*

"Illi f'dan il-kunetst jinghad ukoll illi l-komportament tal-partijiet quddiem minn ghandu jiddeciedi huwa fattur li jista' wkoll importanti sabiex wiehed jara jekk dak li xhud ikun qieghed jghid ghandux mis-sewwa jew le.

"Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li mill-atti ta' din l-istess kawza, l-ebda parti ma rnexxielha tipprova l-allegazzjonijiet minnha vantati u fil-fatt l-ebda versjoni ta` parti jew ta' ohra ma huma b'xi mod ikkorroborati u wisq inqas ippruvati.

"Illi l-fatt jibqa li huwa principju rikonoxxut illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi "*iuxta allegata et probata"* u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu jew taghha tkun estratta unikament mic-cirkostanzi tal-fatti migbura u mill-provi mressqa mill-partijiet fil-kawza u dan in omagg tal-massima legali li min jallega jrid jipprova.

"Illi fid-dawl ta' dan ser tigi ezaminata l-kawza ta' kull parti u din il-Qorti ser tibda mill-azzjoni attrici fejn l-attur *proprio et nomine* qed isostni li ghandu kreditu fl-ammont ta' Lm20,000 kontra l-konvenuti. Jigi nnutat li fl-istess citazzjoni attrici ma giex indikat x'inhu dan il-kreditu, u kien biss waqt ix-xhieda attrici li hareg li l-atturi qed

jippretendu li ghandhom jithallsu l-ammont ta’ Lm20,000 bhala self li huma ghamlu lill-konvenuti, izda fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, mhux biss l-atturi ma lahqux l-oneru ta’ prova impost fuqhom sal-grad rikjest mill-ligi, izda f’dan ir-rigward ma hemm prova ta’ xejn li tista’ b’xi mod tiggustifika l-allegazzjonijiet attrici, u ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda.

“Illi dwar l-pretensjonijiet tal-konvenuti skond kif indikat fil-kontro-talba taghhom u spjegat fid-Dok. “JS/1 a fol. 21 tal-process jirrizulta li l-garanzija provduta mill-konvenut bi proprjeta’ tieghu l-Ingilterra nharget fil-konfront tas-socjeta’ South Rays Holidays Ltd u mhux ta’ xi wiehed mill-atturi, u ghalhekk anke minhabba dan, l-allegazzjonijiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom ma jistghux jirnexxu. Jinghad ukoll, anke f’dan l-ambitu, li ma giex ippruvat li l-atturi fil-kawza odjerna obbligaw ruhhom b’xi mod sabiex ihallsu l-ammonti pretizi mill-konvenuti, anzi dwar dan hemm nuqqas ta’ provi totali, u f’dan il-kuntest ukoll din il-Qorti tirritjeni li l-allegazzjonijiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom bl-ebda mod ma jistghu jigu kkunsidrati bhala pprovati, u b’hekk hawn ukoll il-konvenuti naqsu li jippruvaw fil-grad rikjest mill-ligi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghhom u ghalhekk it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-talba taghhom qed jigu michuda.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“... ... tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn cahdet it-talbiet tal-appellanti u l-kap tal-ispejjez billi takkolla l-istess lill-konvenuti appellati u tikkonfermaha fejn cahdet it-talba rikonvenzjonali u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn cahdet it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikonvenzjoni taghhom u l-kap tal-ispejjez billi takkola l-istess lill-atturi appellanti u tikkonfermaha fejn cahdet it-talba attrici u bl-ispejjez taz-zewg istanzi konta l-atturi appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza, kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuti jallegaw illi huma kredituri ta' xulxin; l-atturi jghidu li huma kredituri fis-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€46,587.47) (allura ghoxrin elf Lira Maltin [Lm20,000]), waqt li l-konvenuti jghidu illi, filwaqt li l-pretensjoni attrici hi infondata, huma kredituri tal-atturi fis-somma ta' hamsin elf, disa' mija, tnejn u hamsin Euro u disgha u ghoxrin centezmi (€50,952.29) (allura wiehed u ghoxrin elf, tmien mija, tlieta u sebghin Liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi [Lm21,873.82]). L-atturi da parti taghhom, jichdu din l-asserzjoni.

Il-kwistjoni kienet iddur fuq il-provi u wara li l-ewwel Qorti ghamlet analizi tal-provi, sabet li kien hemm konflitt bejn il-verzjonijiet tal-kontendenti u ma kinitx moralment konvinta mit-tezi ta' ebda parti u cahdet l-allegazzjoni taz-zewg partijiet. Iz-zewg partijiet appellaw mis-sentenza, l-atturi principalment u l-konvenuti incidentalment, bit-tnejn jitolbu li l-pretensjoni tal-parti l-ohra tigi michuda, u l-kreditu minnhom pretiz kanonizzat.

Il-bazi tal-pretensjonijiet reciproci tal-partijiet huwa allegat ftehim li sehh bejn il-partijiet sabiex l-attur ikun jista' jakwista licenzja tal-ATOL mis-Civil Aviation Authority fl-Ingilterra sabiex jopera agenzija tal-ivvjaggar f'dak il-pajjiz, taht isem il-kumpanija South Rays Holidays Ltd. Ghal dan il-ghan, il-partijiet qablu li l-konvenut jipoteka favur l-Awtorita` estera proprjeta` li hu kellu l-Ingilterra, u dan versu konsiderazzjonijiet maqbula. Wara xi zmien, il-

proprjeta` giet liberata mill-ipoteka u l-kwistjoni tal-licenzja inghalqet.

Sa hawn hemm qbil bejn il-partijiet. L-attur jghid li, sakemm il-proprjeta` giet illiberata mill-ipoteka, silef xi flus lill-konvenut, b'kollox ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000). L-attur jghid li ghaddielu elf u hames mitt Lira Maltin (Lm1,500) kif ukoll hames biljetti tal-arju li jiswew sitt mitt Lira Maltin-il wiehed (Lm600) ghall-familjari tieghu, u somma flus ohra biex il-konvenut seta' jixtri plot f'Marsaskala. Il-konvenut, dejjem skont l-attur, obbliga ruhu li jirrifondi din is-somma wara li l-proprjeta` tal-Ingilterra tigi rilaxxata bhala garanzija. Jghid li tali proprjeta` giet rilaxxata f'Mejju tal-2003, izda l-konvenut ma bieghx l-istess u l-hlas lura baqa' ma sarx. L-attur jghid ukoll li kellu jaghti madwar ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) lil Robert Arrigo & Sons Ltd, u l-konvenut kiteb ittra lil din is-socjeta` biex jghidilha li l-attur kien sejjer ihallasha meta kienet tinbiegh id-dar tieghu tal-Ingilterra, bil-flus jghaddu dirett ghall-idejn id-ditta ta' Robert Arrigo.

Il-konvenut, min-naha l-ohra, ma jaqbilx li giet lilu mislufa s-somma ta' ghoxrin elf Lira Maltin (Lm2,000), pero` jghid li hu ghandu jiehu minghand l-attur is-somma ta' 'l fuq minn wiehed u ghoxrin elf Lira Maltin (Lm21,000) konsistenti f'imghax fuq l-ipoteka, spejjez biex mar l-Ingilterra sabiex jirrillaxxa l-istess garanzija, spejjez marbut mal-bank transfer li ghamel sabiex tigi rilaxxata l-istess garanzija, u bilanc indikat bhala dovut minn South Rays Holidays Ltd ghal kiri ta' kmamar.

Wara li ezaminat il-provi, din il-Qorti tghid li ma taqbilx li, fuq il-pretensjoni tal-attur, din hija nieqsa minn provi li jiggustifikaw l-allegazzjoni tieghu. L-attur ghandu, in sostenn tat-tezi tieghu, dokument mibghut mill-konvenut lid-ditta ta' Robert Arrigo, fejn lil din is-socjeta` gie mwieghed li sejra tithallas dak li l-attur ghandu jaghtiha malli tinbiegh il-proprjeta` li kellu l-konvenut l-Ingilterra. Din hi ammissjoni cara tad-dejn li l-konvenut kellu versu l-attur, ghax hadd ma hu sejjer ihallas, is-somma ta' ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) ghal terz li lilu ma

ghandu jaghtih xejn. Il-konvenut jammetti li ntbaghtet din l-ittra u jghid biss li l-ittra inkitbet “kontra qalbu”. Din l-ittra hija konferma mill-konvenut li, kif titnehha l-garanzija minn fuq il-proprjeta` tieghu tal-Ingilterra, kien jittrasferixxi fuq istruzzjonijiet tal-attur is-somma ta’ ghoxrin elf Lira Maltin (Lm20,000) illi l-attur kellu jaghti lill-kumpanija ta’ Robert Arrigo.

Il-konvenut, kif inghad, jaccetta dan, u ghalkemm jghid li saret “kontra qalbu” ma jghidx li hi inveritiera u lanqas qatt ma pprova jattakka dik l-obbligazzjoni b’allegazzjoni ta’ xi vizzju ta’ kunsens (zball jew theddid) jew b’azzjoni ohra. Din il-Qorti, kwindi, tara’ illi filwaqt li hu veru li x-xhieda li taw il-partijiet, hija konfligenti, jezisti favur l-attur dokument li fih il-konvenut jaccetta li hu debitur fis-somma pretiza.

Fuq il-pretensjoni tal-konvenut, jidher li s-sitwazzjoni mhux daqshekk cara. Il-konvenut qed jipprova jdahhal fin-nofs pretiz kreditu kontra s-socjeta` South Rays Holiday Ltd li, pero` <u>mhux parti fil-kawza</u>. Il-pretensjonijiet tieghu huma kollha marbuta mas-servizzi li jghid li rrenda lil din is-socjeta`, u fil-fatt ma hu qed jippretendi xejn kontra l-attur u s-socjeta` attrici. Il-garanzija inghatat a vantagg tas-socjeta` South Rays Holidays Ltd u l-pretensjoni tal-konvenuti huma kollha marbuta ma’ din il-garanzija – imghax, spejjez ghall-*bank transfer* u vjaggi lejn l-Ingilterra ghar-rilaxx tal-garanzija u akkomodazzjoni lill-klienti ta’ South Rays Holidays Ltd.

Dwar l-imghax fuq il-garanzija, jista’ jinghad, ghal kull buon fini, li filwaqt li hu veru li mhux soltu jithallsu imghaxijiet fuq il-valur proprjeta` ipotekata, f’dan il-kaz, pero`, jidher li kien hemm ftehim li jithallas imghax ghaz-zmien tat-tul tal-garanzija. Dan il-ftehim pero` sehh in konnessjoni mal-ftehim li sar ghall-akkwist tal-licenzja tal-ATOL mis-socjeta` South Rays Holdings Ltd, u hija din is-socjeta`, mhux l-atturi, li obbligata thallas l-imghax fuq il-garanzija u li se mai, tista’ tkun responsabbli ghal xi spejjez li nkorra l-konvenut marbuta ma’ din il-garanzija.

Il-konvenut, inoltre, jghid li rcieva s-somma ta’ sbatax-il elf, tliet mija, sitta u disghin Liri Maltin (Lm17,396)

minghand l-attur, pero`, ma jaghtix spjegazzjoni tar-raguni ta' dan il-hlas u ghaliex thallsu. Din il-Qorti, ghalhekk, fuq dan il-kaz taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, li l-konvenuti ma rnexxilhomx jippruvaw l-allegazzjoni taghhom ta' kreditu favur taghhom u kontra l-atturi f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-konvenuti billi tichad l-istess u tiddisponi mill-appell principali tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn cahdet it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti, izda tirrevokaha fejn cahdet it-talbiet principali tal-atturi u tghaddi biex minflok tilqa' t-talbiet attrici ghal hlas tas-somma ta' sitta u erbghin elf, hames mija, sebgha u tmenin Euro u sebgha u erbghin centezmi (€46,587.47), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu in solidum mill-konvenuti appellanti incidentalment.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------